# Editorjal

# (Bla) isem

L-isem. L-ismijiet li nagħtu lill-bnedmin kollha juru l-identità ta' persuna. Saħansitra anke lill-annimali u lil xi oġġetti inanimati nagħtu isem. L-isem għalhekk juri wkoll rispett. Nieħdu mit-titli li nagħtu lin-nies: Is-Sur jew is-Sinjura; it-Tabib jew it-Tabiba; il-President.

F'kuntrast, in-nuqqas ta' isem jew titlu jaf juri nuqqas ta' identità jew diżrispett. Fil-letteratura Maltija, pereżempju, uħud mill-kittieba ppreżentaw lill-immigranti illegali mingħajr isem biex juruna kemm huma mneżżgħa minn kull identità u rispett. In-nuqqas t'isimhom qed juri l-anonimità tagħhom u l-vulnerabbiltà tas-sitwazzjoni tagħhom.

F'*Leħen il-Malti* ta'din is-sena, xi wħud mill-kittieba għażlu li ma jgħidu xejn, li jħallu l-poeżija jew proża titkellem waħedha, bil-ħafna kliem, mhux bil-ftit.

Bħalma l-qoxra ta' ktieb tattirana jew tbegħidna, l-istess it-titlu. Uħud jagħtuna impressjoni ta' x'għandna nistennew: *Taħt it-Tinda* (Sandra Hili Vassallo) – għidt hawn x'ġej? U ma kontx kompletament żbaljata. Oħrajn jitilfuna sa mill-ewwel kliem li naqraw, u daqqa nkunu rridu naqraw iżjed, u daqqa nibqgħu mitlufin. Bħal *Fi Spazju Bla Lqugħ* (Omar Seguna).

Imma mbagħad issib sottomissjonijiet oħrajn li ma jkollhomx isem (Eric Attard, Kenneth Scicluna). U donnhom aktar iqanqlu kurżità u mistoqsijiet bħal:

- Għaliex bla titlu? Mela tista' tikteb xogħol letterarju u tħallih bla titlu?
- Jaqaw il-kittieba ma setgħux jaħsbu f'wieħed? (It-titlu hu magħruf li

hu ta' xkiel għal ħafna kittieba).

- Tgħid din lixka biex inkun irrid naqra aktar?

Jekk kienet lixka ħadmet, għax ġibduli l-attenzjoni. U tefgħuni f'dinja ta' ħsibijiet dwar l-istudju magħruf bħala titoloġija.

Li ma jintużax titlu mhix moda ġdida fid-dinja letterarja. Fil-letteratura anke hemm testi li jkollhom titlu li jgħid li m'hemmx titlu, bħal *A Story Without a Title* ta' Anton Chekhov, bħalma hi *A Story Without an End* ta' Chekhov stess, li donnu n-nuqqas ried jurih b'żieda xorta waħda. Forsi ħass li n-nuqqas ma tkellimx biżżejjed għalih innifsu, u kellu jtih leħen hu, biex jinstema'.

Fi studju tiegħu, Harry Levin jaċċenna għal żewġ ġrajjiet magħrufa ma' kulħadd: Adam u Eva fil-Ġenesi u Alice mitlufa f'Wonderland. Fil-foresta li tkun fiha Alice, xejn ma jkollu isem, u donnu dan il-fatt iqarribha lejn il-kumpann tagħha. Donnu l-fatt li kollox hu fl-arja, "*that interval of namelessness*" jgħin biex ma jinħassx daqshekk distakk bejn il-protagonista u seħibha. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' Adam u Eva, malli joħorġu b'isem għalihom infushom, kollox jibda jagħmel sens, u minn hemm tgħib l-anonimità (Levin xxiv).

Imma forsi fid-dinja letterarja Maltija, l-anonimità fit-titlu ta' kitba tista' titqies mossa innovattiva.

Minn naħa, it-titlu jgħin lill-kittieba biex iżommu f'moħħhom is-suġġett huma u jiktbu, ġaladarba diġà jkun qiegħed hemm. Hemm oħrajn, iżda, li l-ewwel jaraw li jgħidu kulma għandhom jgħidu, u mbagħad wara jaraw x'inhu t-titlu addattat għal kliemhom. Dawn iż-żewġ modi ta' kitba huma modi stabbiliti u aċċettati. Imma kif jiktbu l-kittieba li xogħolhom jibqa' bla titlu? Ikollhom titlu f'moħħhom u mbagħad iħalluh barra, bħall-biċċa nieqsa mill-jigsaw puzzle, li l-qarrejja jridu jsolvu waħedhom? Forsi jaħsbu li jkunu qed jgħinu lill-qarrejja wisq billi jagħtuhom it-titlu, jikxfu biċċa mill-ħaġa moħġaġa. Jew sempliċiment qatt ma jindirizzaw il-kunċett ta' titlu f'moħħhom u jaħdmu tajjeb mingħajru?

Skont Gérard Genette, it-titlu jrid ikun kompost minn "*destinateur*," l-awturi jew l-edituri li joħorġu bit-titlu, u għalhekk, qegħdin jibagħtu l-messaġġ(i), u reċipjent, min hi l-udjenza fil-mira tal-kittieba (707). It-titlu, imbagħad, għandu tliet funzjonijiet, skont ma kiteb Leo Hoek: li jagħti bħal definizzjoni tax-xogħol, li jindika l-kontenut tal-kitba u li jattira lill-pubbliku (Genette 708).

Il-mistoqsija hi, il-fatt li aħna ġeneralment imdorrijin bit-titlu, għal kull

ħaġa, anke lil hinn mil-letteratura, jixhed kemm hi fin-natura tagħna li nagħtu isem lil kollox b'tali mod li ma nħallux lix-xogħol jitkellem waħdu, li nifgawh? Jekk nimxu ma' dak li qal Hoek u nqisu t-titlu bħala mezz ta' komunikazzjoni għad-definizzjoni, għall-kontenut u biex jattira, mela x'misteru se jifdal fil-kitba? X'għandna u x'm'għandniex niżvelaw fit-titlu?

Nemmen li kitba mhux dejjem tgħaddi mingħajr titlu. Fil-każ ta' kitbiet akkademiċi jew esejs, it-titlu huwa essenzjali għax il-qarrejja jridu jkunu jafu fuqiex se jaqraw minħabba fini ta' riċerka. Fil-kitba letterarja, kultant, ukoll tkun teħtieġ it-titlu bħala preambolu għal li ġej, bħas-soppa ħafifa ta' qabel il-platt laħam. Xi drabi, tkun trid is-soppa bi ftit ħobż, il-laħam bil-patata u bil-ħaxix, u bid-deżerta immedjatament wara. Imma drabi oħra, ikollok aptit il-laħam waħdu, kemm għax ma jkollu bżonn xejn aktar miegħu biex itejjeb l-esperjenza tal-ikel, imma anke b'mod soġġettiv, skont l-aptit tiegħek.

L-istess il-kitba. Xi kultant it-titlu joqgħod; jixhed id-definizzjoni u l-kontenut tal-kitba u anke jattira lill-qarrejja. Drabi oħra kitba ma toqgħodx mingħajru, donnha jkollha ingredjent nieqes. Imma drabi oħrajn, forsi aktar rari, il-kitba toqgħod waħedha u ma tkun teħtieġ l-ebda dewqa ħafifa, l-ebda introduzzjoni.

Għalhekk, f'din l-edizzjoni ta' *Leħen il-Malti,* intom il-qarrejja għandkom iċ-ċans tesperjenzaw kull tip ta' ikla. Ħejju l-mejda, lestu l-pużati, għax il-kittieba ta' din l-edizzjoni se jgħaddukom minn esperimenti varji ta' kitba ...

## Xejn iżjed u xejn inqas

Kelma nieqsa aħjar minn kelma żejda. U f'din ir-rivista, qed neżerċitaw dan il-qawl. Forsi nieqsa verament aħjar milli żejda. Hemm imbagħad il-frażi "xejn iżjed u xejn inqas." Bl-eżatt. Imma bl-eżattezzi nimxu? Biżżejjed? Wisq ftit?

Jekk il-kitba mhix ċara u l-konfini bejn ftit u wisq u (b)iżżejjed mhumiex ċari, *Leħen il-Malti* dejjem kien ċar fl-għan tiegħu. Dejjem kien jaf xi jrid. Kemm leħen il-Malti (1), leħen il-Malti (2) u anke *Leħen il-Malti* (3). Nispjega.

Leħnu, il-Malti semmgħu b'għajta felħana meta xeba'. Issa aħna nixbgħu nisimgħu b'meta semmgħu, sa mill-iljuni ħorox ta' Dun Karm sal-Istorbju tas-Silenzju (biex nikkwota kitbet Gabriel Azzopardi) ta' Oliver Friggieri u oħrajn, leħnu semmgħu. Ilha ġejja l-letteratura Maltija. Minn Caxaru sa Ġan Anton

sal-Ġużejiet sal-Moviment Qawmien Letterarju sa t'issa, ilha ġejja. U minkejja l-eki u l-ħanqa u t-tqaħqiħ, baqa' jinstema' l-leħen. Baqa' jidwi. Forsi mhux konsistentement, imma bħat-taħbit tal-qalb fuq skrin l-isptar. Filli uniformi, filli daqqa 'l isfel u daqqa oħra 'l fuq, imma hemm. Sakemm mhuwiex.

U b'leħen il-Malti u l-Maltija u l-Maltin, baqa' ħaj leħen il-Malti. Leħen dil-lingwa li nafu nsawtuha, inkasbruha, inċanfruha, imma nafu wkoll immellsuha, infissduha u ngħożżuha.

Finalment, hemm *Leħen il-Malti,* ir-rivista li tgħaqqad leħen il-Malti (1) u leħen il-Malti (2) fl-iskop li "titħabat u tgħin kemm tista' biex il-Malti jkollu letteratura li tixraqlu. Xejn iżjed u xejn inqas" (Chetcuti 1).

U m'hemm xejn iżjed xi nżid, u xejn inqas xi nnaqqas.

**Biblijografija**


Chetcuti, Ġużè. "Pijunier fil-Ġlieda għall-Ilsien Malti." *Ħelsien,* Ġużè Bonnici. SKS, 1985.

Genette, Gérard. "Structure and Functions of the Title in Literature." *Critical Inquiry,* Vol. 14, Nru 4. Trad. Bernard Crampé. Sajf, 1988, pp. 692-720.

Levin, Harry. "The Title as a Literary Genre." *The Modern Language Review,* Vol. 72, Nru 4 (Oct., 1977), pp. xxiii-xxxvi.